**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 08 ta' April, 2024**

**Talba Nru: CCT217/23/DS**

**Albert Palmier**

**Vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd. – Centro Casalinga**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2023 fejn huwa talab illi jitħallas lura s-somma ta' mitejn u disgħa u disgħin Ewro (€299) għaliex it-*twin tub washing machine* mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata kellha l-ħsara u baqgħet bil-problemi anke wara li t-tekniku tas-soċjeta' intimata mar jsewwi tlett darbiet u l-magna tal-ħasil anke ttieħdet għat-tiswija darbtejn oħra fl-istabbiliment tal-intimata.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ għalkemm daħlet risposta dan m'għamlitux fit-terminu preskritt mill-liġi w'għaldaqstant l-imsemmija risposta kienet waħda tardiva u irritwali. Skont regolament 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, twegiba ghandha tigi pprezentata fi zmien tmintax-il ġurnata min-notifika tal-avviz tat-talba. Fil-każ odjern din ma saretx w'għaldaqstant it-Tribunal, *stante* li t-terminu huwa wieħed perentroju u l-kontumaċja tista' titqajjem direttament mit-Tribunal *in vista* tal-fatt illi hija materja ta' ordni pubbliku, sab lis-soċjeta' intimata kontumaċi u ordna l-isfilz ta' l-imsemmija risposta[1] kif ukoll tax-xhieda tar-rapprezentanti tas-soċjeta' intimata illi kienu taw ix-xhieda

[1] F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila** (21 ta' Marzu 1997) fejn inghad:-
*"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill- Qorti ex officio ... ... In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha".*

tagħhom bl-intiża ċara illi jekk it-Tribunal ma jkunx mgħoti ġustifikazzjoni plawsibbli għall-kontumaċja dawn jiġu sfilzati;

Ra illi s-soċjeta' intimata permezz tar-rappreżentant tagħha naqset illi tagħti raġuni valida fil-liġi għall-kontumaċja tagħha w'għaldaqstant iddikjarat l-istess soċjeta' kontumaċi u sfilzat ir-risposta u l-provi prodotti hekk kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti;

Ra illi s-soċjeta' intimata għalkemm debitament infurmata bis-seduta tas-26 ta' Frar, 2024 ma preżentatx ruħha fil-ħin u għaldaqstant dan it-Tribunal semgħa lill-attur rigwardanti l-informazzjoni illi kellu jingħata t-Tribunal skont il-verbal tas-seduta preċedenti u t-tribunal ikkonċeda lill-attur jagħmel l-aħħar punti trattazzjoni in vista tal-informazzjoni li kienet għadha kif ingħatat;

Ra illi l-partijiet kienu diġa' għamlu t-trattazzjonijiet tagħhom w'għaldaqstant iż-żewġ partijiet kellhom iċ-ċans jgħidu tagħhom;

Ra l-atti kollha tal-kawża esklużi dawk ix-xhieda illi ġew sfilzati għar-raġunijiet hawn fuq spjegati.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur xtara *twin tub washing machine* illi bdiet ikollha l-ħsara liema ħsara ġiet debitament deskritta mill-attur fit-talba tiegħu kkonfermata bil-ġurament kif ukoll minn martu Mary Palmier illi xehdet f'dawn il-proċeduri.. L-attur kien informa lis-soċjeta' intimata illi kienet bagħtet it-tekniku tagħha tlett darbiet u anke ħadet il-magna darbtejn fl-istabbiliment tagħhha għat-tiswija pero' baqgħu jiġu riskontrati l-istess problemi u ħsarat;

Illi r-risposta tas-soċjeta' intimata kienet *fuori termine* u ġiet sfilzata u l-istess soċjeta' intimata kienet meqjusa kontumaċi w'għaldaqstant il-verżjoni tal-attur u ta' martu m'hijiex kontradetta u dan it-Tribunal m'għandu l-ebda raġuni għalfejn ma jemminiex.

Illi finalment it-talba tal-attur hija għal riżarċiment tal-ammont imħallas biex inxtrat il-magna tal-ħasil mertu ta' din il-kawża stante illi kien hemm tentattivi varji għat-tiswija tagħha u din baqgħet ma ġietx imsewwija b'mod sodisfaċjenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ġurisprudenza nostrana, kif ukoll wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi l-attur prova l-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jordna t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas lura lill-attur is-somma ta' mitejn u disgħa u disgħin Ewro (€299) filwaqt illi tordna illi l-attur jirritorna l-magna tal-ħasil lis-soċjeta' intimata f'data u ħin maqbula bejnet il-partijiet.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**